SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 11**

**IIL-ĦAMIS 6 TA' DICEMBRU 2012 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00 PM.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCHUTI | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier P. Fenech kienu skużati minħabba raġunijiet ta' mard.

Din il-laqgħa bdiet fil-5:15pm

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 10 ġew approvati kif emmendati. Is-Sindku ppropona u l- Viċi Sindku issekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Kunsillier Mario Fava

1. Il-Kunsillier irrimarka li hu jinsab diżapuntat ħafna minħabba li t-toroq li talab il-Kunsill għall-kostruzzjoni ġdida bit-tarmak mill-Gvern Ċentrali, mhux kollha ġew inklużi fil-lista li nħarġet mid-Dipartiment tat-Toroq ta' xogħlijiet li ser issiru din is-sena.

2. Il-Kunsillier staqsa dwar jekk bediex ix-xogħol fuq it-Traffic Managment. Il-Kunsillier A. Curmi nforma li hu se jispjega dwar is-suġġett aktar tard f' din il-laqgħa.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Perit tal-Kunsill ppreżentax id-diżin ta Triq il-Qasam, l-aktar importanti fin-naħa ta' isfel, kantuniera ma' Triq is-Sidra. Is- Sindku nforma li dwar dan se jispjega aktar tard f' din il-laqgħa.

Mill-Kunsillier Alfred Curmi

1. Il-Kunsillier staqsa x'ġara dwar il-qtugħ ta' siġra minn fuq il-bankina fi Triq il-Molletta. Is-Sindku nforma li l-ħaddiema marru fuq il-post sabiex jibdew ix-xogħlijiet pero' l-persuna li toqgħod eżatt quddiem fejn miżrugħa s-siġra, ma ħalliex il-ħaddiema jibdew xogħolhom. Il-Kunsill ġie nfurmat li din is-siġra ser titneħħa wara Jannar 2013.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI - ikomplu

Mill-Viċi Sindku Dr. Justin Fenech

1. Il-Viċi Sindku nforma li t-tlettax-il bozza li kienu rrapurtati maqtugħa, nbiddlu kollha. Huwa nforma wkoll li kien preżenti mal-Kuntrattur meta saru x-xogħlijiet.

2. Dwar ix-xogħlijiet ta' Twinnings, il-Kunsill ġie nfurmat li aktar dettalji għandhom jintbagħtu lill-Kunsillieri kollha fil-ġimgħat li ġejjien.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Draft Layout tal-ħarġa li jmiss tal-magazine, intbagħtet lill-Kunsillieri kollha. Huwa nforma li dan ser issir bl-Ingliż u bil-Malti u ser jintuża materjal irriċiklat. Hu staqsa lil kull kunsillier sabiex jipprepara u jibgħat l-artiklu tiegħu mill-aktar fis possibbli.

4. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar l-għajnuna finanzjarja għall-librerija skond Mozzjoni Nru 1. li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa preċidenti, il-Kunsill kien qabel li jagħmel talba għal €700. Dawn il-fondi ser jkomplu jgħinu sabiex jinxtraw iktar kotba ġodda għal-librerija l-ġdida fil-bini tal-Kunsill il-ġdid.

Mis-Sindku N. Muscat

1. Is-Sindku nforma li s-servizz ta' tilqim ta' l-influenza li sar fil-bini tal-Knisja ingħata lil 495 persuna. Huwa ppropona li nurse li tat dawn it-tilqim titħallas €240. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier Mario Fava

1. Il-Kunsillier staqsa dwar l-aħħar riżultati dwar il-kostruzzjoni bit-tarmak fi Triq il-Qasam. Is-Sindku nforma li dwar dawn ix-xogħlijiet qed issiru diversi laqgħat bejn il-Gvern Ċentrali, il-Kunsill u l-Kuntrattur li orġinaljament kien issottometta l-offerta' għal dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsillier Fava rrimarka li hu ma jaqbilx li jintefqu €250,000 biex tiġi miksija bit-tarmak triq waħda, fil-waqt li fil-lokalita' hawn ħafna aktar toroq li huma fi stat agħar minn Triq il-Qasam. Il-Kunsillier Rene Rossignaud qabel ma' dan il-kumment.
Il-Kunsillier l-oħra preżenti kollha qablu li Triq il-Qasam għandha ssir mill-aktar fis possibli.

2. Il-Kunsillier issuġerixxa li ssir laqgħa oħra ma' l-uffiċċjali tal-Pulizija li għaliha jkun preżenti wkoll l-Assitent Kummissarju Ray Zammit. Din tkun bħala kontinwazzjoni tal-laqgħat li diġa' saru.

Mill-Kunsillier Alfred Curmi

1. Il-Kunsillier staqsa dwar id-doggy bins li kellhom jinxtraw u jiġu nstallati fil-lokalita'. Il-Kunsillier A. Chetcuti nforma li hu ġa beda bix-xogħlijiet ta' l-allokazzjoni ta' fejn dawn għandhom jiġu nstallati; għaldaqstant huwa nforma li s'issa estabelixxa 6 postijiet fil-Madliena. Il-Kunsill qabel li jiġu allokati 28 post.

2. Il-Kunsillier staqsa dwar meta se jiġu ppreżentati il-Quarterly Reports li jkopru t-3 xhur (minn Lulju sa Settembru 2012). Is-Segretarju Eżekuttiv informa li skond informazzjoni li għandu minngħand l-Accountant tal-Kunsill dawn lesti pero' għad ma ġewx approvati mill-Priniċipal tiegħu; meta dawn jkunu lesti se jintbagħtu mmedjatament lill-Kunsillieri kollha.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li wara ħafna tentattivi li għamel il-Kunsill biex jinxtraw koppji tal-Ligi tal-Kunsill, il-Kunsillier A. Curmi rrnexielu jixtru kopja aġġornata. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li huwa għamel kuntatti mad-Dipartiment tal-Gvern mas- Sur Natal Callus fejn ġie nfurmat li d-Dipartiment m'għandux kopji tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali aġġornati. Huwa nforma wkoll li għamel kuntatt mad-Dipartiment ta' l-informazzjoni fejn ġie nfurmat li peress li bħalissa din mhux tinbiegħ, l-unika mod li tista' takkwistaha hija billi tniżżilha minn fuq il-website tad-Dipartiment.

4. Il- Kunsillier ppreżenta tlett emails biex jiġu anessi ma' dawn il-Minuti – Appendici A.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier Alfred Curmi

5. Dwar is-sistema ta' Traffic Managment, il-Kunsillier irraporta li mil-aħħar Cirkulazzjoni li ntbagħtet lil kull Kunsillier dwar il-porposti li kienu ġew sottometti lit-Transport Malta, saru punti oħra li ukol ġew diskussi ma' Transport Malta. Sfortunatament ix-xogħolijiet qed jieħdu ħafna żmien, għladaqstant ġie deċiż li xogħolijiet issiru fuq kull proposta individwalment bil-għan li jitnaqqas id-dewmien tal-proċess. L-aktar materja mportanti hija dik tal-one wys u l-introduzzjoni ta' Resident Parking Scheme. Din ta' l-aħħar tirikejdi amont konsidervoli ta' informazzjoni sabiex tiġi mgħoddija lit-Transport Malta. Għal dawn ix-xogħljiet jeħtieġ li jkun hemm l-għajnuna ta' żewġ Kunsillieri oħra. Din il-materja se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss sadanittant se tinġabar aktar informazzjoni mit-Transport Malta.

6. Il-Kunsill approva li l-Kunsillier A. Curmi jkun membru fil-Kumitat tal-Finanzi sabiex dan jkun jista' jgħin fi ċirkustanzi finanzjajrji.

Il-Kunsillier Alfred Curmi staqsa biex jiġi skużat minħabba xogħol ta' volontarjat li kien involut fih. Il-ħin kien is-7:30pm.

Mill-Kunsillier Rene Rossignaud

1. Il-Kunsillier informa li kellu laqgħat ma' żewġ Diretturi ta' l-iskejjel ta' l-Ingliż. Dawn iż-żewġ skejjel li jġibu l-istudenti minn barra; huma konxji li waqt li l-istudenti jkunu hawn Malta dawn jkunu joħolqu inkonvenjent għar-residenti. Għaldaqstant id-Diretturi ta' dawn l-iskejjel jixtiequ joffru kunpens. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill iddeċieda li dawn jistgħu joffru xi sponsorship għax-xiri ta' tabelli u jistgħu jagħmlu tajjeb ukoll għal xi spejjeż ta' tindif fit-toroq, l-aktar fin-naħa ta' isfel tas-Swieqi fejn l-aktar li jiġi ffrekwentat mill-istudenti.

2. Il-Kunsillier irrimarka li s-sena li għaddiet hu kien ppreżenta l-artiklu tiegħu sabiex dan jiġi pprublikat fil-ħarġa tal-magazine tal-Milied. Dan l-artiklu kien ġie ċċensurat mill-Editur tal-Kunsill preċidenti. Huwa wissa sabiex din is-sena ma jerġax jiġri l-istess.

Mill-Kunsillier Carmen Said

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk sarux xi żvillupi ġodda dwar il-pjanti tal-proġett propost ta' Tennis Court li kienu ntbagħtu lil MEPA. Is- Segretraju Eżekuttiv informa li dwan dawn il-pjanti, huwa kellu kuntatti mal-Peirt tal-Kunsill fejn ġie nfurmat li l-pjanti ġew approvati mill-KNPD u għalhekk dawn waslu fil-proċess finali.

2. Il-Kunsillier irrapurtat li l-ħarġa ta' l-anzjani ta' Novembru saret u reġgħet kienet ta' suċċess. Hija nfurmat li l-ħarġa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2012, hija ħeġġet lill-Kunsillieri kollha biex jattendu.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI - ikomplu**

Mill-Kunsillier Mary Anne Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li kellha diversi lmenti dwar xi riħa li ħierġa mill-culverts ta' quddiem il-Forex Ironmongery. Hija rrapurtat ukoll li viċin l-istess ħanut hemm bankina perikoluża. Is- Segretraju Eżekuttiv informa li dwar din il-problema, hu kien diġa' tkellem ma' uffiċċjali mid-Dipartiment tas-Sanita'. Dawn kienu infurmaw li l-irwejjaħ ġejjin minn xi ilma qiegħed li jibqa' fil-culverts, wara li tagħmel ix-xita.

2. Hija nfurmat li saru l-installazjonijiet ta' dawl ġodda fi Triq il-Madliena fil-viċinanza tal-Kappella. Ir-residenti rringrazzjaw lill-Kunsill.

3. Il-Kunsillier irrapurtat li hemm bozza maqtugħa fin-niżla ta' Triq il-Bir. Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li din diġa' ġiet irrapurta pero' ġie nfurmat li hemm xi ħsarat fil-linji tad-dawl għalhekk għadha ma saritx; dawn il-ħsarat ġew irrapurtati lill-Enemalta.

4. Il-Kunsillier infurmat li kellha laqgħa fuq il-post ma' resident fi Triq l-Inġinier, dwar meta se jibdew ix-xogħlijiet ta' tarmak f' din it-triq. Hija nfurmat li għal din il-laqgħa kien ukoll preżenti l-Kuntrattur. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjonijiet għall-ilma u d-dawl diġa' saru. Ix-xogħlijiet se jibdew fil-futur qarib ( wara *shut down* tal-Milied) .
   Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li l-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena qabel li jgħaddi l-pagament ta' €30,000 lill-Kuntrattur pero' mhux qabel ma' dan jippreżenta l-garanzija bankarja valur ta' €12,000, hekk kif kien miftiehem fil-laqgħa li kienet saret mal-Kuntrattur fl-uffiċini tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din id-deċiżjoni.

Mill-Kunsillier Alex Chetcuti

1. Il-Kunsillier nforma li diġa beda jinnumera xi arbli tad-dawl fil-Madliena. Fil-fatt huwa nforma li fil-Madliena, l-arbli huma kważi kollha nnumerati. Huwa nforma li l-ġimgħa d-dieħla huwa ser jibda' l-istess xogħlijiet fis-Swieqi. Malli dawn jkunu lesti, hu se jiltaqa' mal-ħaddiema tal-Kunsill sabiex flimkien jiddentifikaw kif se ssiru dawn ix-xogħlijiet.

2. Ġie rrapurtat li l-attivita' tal-klieb li kellha ssir fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' l-Ibragg, ma saritx peress li l-Pulizija ma setgħux jattendu bil-klieb tagħhom. Hu ssuġerixxa li din ssir aktar 'il quddiem fix-xhur tas-Sajf.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI - ikomplu

Mill-Kunsillier Alex Chetcuti – ikompli

1. Il-Kunsillier nforma li rċieva diversi lmenti minngħand residenti li joqgħodu fil-viċinanza ta' l-ex lukanda Forum. Dawn qed jilmentaw li ħafna żagħżagħ qed jiffrekwentaw dan il-bini abbandunat u dawn jistgħu jkunu ta' periklu għar-residenti tal-madwar peress li jistgħu jsiru ċertu abbużi. Il-Kunsillier qal li x-xibka li tagħlaq l-entratura ta' l-ex lukanda inqalgħet u għalhekk faċilment din tista' tkun ta' aċċess għal min jkollu skop li jidħol ġo dan il-bini.. Is- Sindku ħa l-inkarigu li jerġa' jitkellem mal-Kuntrattur responsabbli mill-kostruzzjoni l-ġdida.

2. Il-Kunsillier fakkar dwar il-bankina li għandha ssir ġdida quddiem residenza fi Triq il-Bir. Is- Segretraju Eżekutti nforma li dawn ix-xogħlijiet diġa' qegħdin fuq il-programm u għaldaqstant se jsiru fil-futur qarib.

Mill-Kunsillier Mario Fava

1. Il-Kunsillier ppreżenta programm ta' kif ser tkun mqassma l-attivita' ta' tqassim ta' rigali lit-tfal tal-Milied minn Father Christmas. Huwa informa li din l-attivita' se tiġi tiswa' €350. Kien hemm qbil unanimu li din għandha ssir.

   PROGRAMM

   - Bejn is-7 u t-8 ta' Diċembru 2012 se jsir il-booking fil-Knisja ta' l-Ibragg. Kull familja qed tintalab tħallas €2 bħala donazjoni lill-Community Chest Fund.
   - Bejn l-10 u l-15 ta' Diċembru 2012, ir-rigali rridu jaslu fl-uffiċini tal-Kunsill.
   - Fit-22 ta' Diċembru 2012, Father Christmas se jkun qed iqassam ir-rigali fi tlett postijiet – 6:45pm fi Triq is- Swieqi , fis-7:30pm fi Triq il-Qasam ( ħdejn Marlows ) u fit-8:15pm fi Triq l-Ibraġġ (ħdejn Shoe Tree).

2. Il-Kunsillier staqsa dwar meta se jitkompla s-smiegħ tal-kawża dwar il-każ pendenti ta' pagamenti tal-proġett ta' Triq il-Keffa. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li s-smiegħ li jmiss huwa fil-bidu ta' Jannar 2013.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT** — **Sindku**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is- Sindku ppreżenta rapport iddetaljat tal-ħidma tiegħu mill-aħħar laqgħa preċedenti. Dan ir- rapport jinsab mehmuż ma' dawn il-Minuti – Appendiċi B.

2. Performance Bonus ta' Segretraju Eżekuttiv
   Is- Sindku rraporta dwar l-Performance Bonus tas-Segretraju Eżekuttiv. Huwa ppropona li dan għandu jingħata kollu jiġifieri 10%. Is- Segretraju Eżekuttiv dejjem ħadem b' mod sodisfaċċenti matul id-disgħa xhur li hu ilu Sindku f' dan il-Kunsill u dejjem ikkolabora mill-aħjar li jista' fi xogħlijiet tal-Kunsill. Huwa nforma wkoll li s-Segretraju Eżekkuttiv dejjem kien ta' għajnuna kbira għal din il-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti dwar dan. Il-Kunsillier M. Fava issekonda.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS- SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv li xi residenti minn Triq Josef Kalleya staqsew sabiex jiġu nstallati traffic calmers fit-triq tagħhom. Il-Kunsill ikkonkluda li f' din it-triq ma' hemm bżonn ta' traffic calmers.

2. Is- Segretraju Eżekuttiv ppreżenta stima ta' €1900 għal saqaf ġdid ta' Marine plywood tal-Gazebo fi Ġnien ta' Triq il-Ħemel. Din l-istima waslet minngħand l-MSD. Il-Kunsill dehrlu li din l-istima hija għolja għaldaqstant ġie mitlub sabiex jintalbu aktar kwotazzjonijiet.

3. Huwa staqsa dwar meta se ssir il-laqgħa pubblika tal-lokalita'.Wara diskuzzjoni u minħabba ħafna impenji tal-Kunsillieri, ġie deċiez li din il-laqgħa ssir fi 17 ta' Jannar 2013 filwaqt li fl-10 ta' Jannar 2013 se sssir laqgħa oħra biex jiġi kkonfermat ukoll il-Budget għas-sena 2013.

4. Il-Kunsill ġie nfurmat wkoll li l-ikla tal-Milied ta' din is-sena se ssir fil-11 ta' Jannar 2013. Ġie miftiehem li l-post jġi deċiż aktar tard 'il quddiem.

5. Performance Bounus ta' l-impjegatai tal-Kunsill
   Is- Segretraju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, il-performance apprasial reports ta' kull skrivana tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskrivani kollha ħadmu b' ċertu għaqal u effiċjenza. Sadanittant, ġieli wkoll ħadmu aktar siegħat sabiex jkunu jistgħu jlaħħqu aħjar max-xogħol tal-ġurnata. Għaldaqstant huwa rrakomanda li kull skrivana inkluża s-Sinj. Tania Randisi jingħataw il-performance bonus kollu (6%) pro-rata. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6. Promozzjoni minn skala 15 għal skala 13
   Is-Segretarju Eżekuttiv irrakomda wkoll biex iż-żewġ skrivani, is-Sinj. Clarissa Schembri u s-Sinj. Naomi Magri jitilgħu fi skala 13 minn Jannar 2013 peress li t-tnejn li huma dejjem kienu bieżla u urew ċertu serjeta' f'xogħolhom. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT** — **Sindku**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS- SEGRETARJU EŻEKUTTIV – ikompli

7. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li x-xogħolijiet ta' tarmak fil-Madliena ser jitkomplew wara l-festi tal-Milied u dan minħabba li l-Kunsilli u l-Kuntratturi reġistrati kollha irċevew ordni li mill- 21 ta' Diċembru 2012 sa 3 ta' Jannar 2013, ħadd ma jista' jagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni fl-ebda triq kif ukoll il-ħaddiema tal-Kuntrattur se jkunu bi *shut down* fil-jiem tal-Milied.

## VI APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

1. Ġew approvati l-pagamenti kollha li kienu mniżżlin fl-iskeda tal-pagamenti pero' mhux qabel ma' dawn jiġu ċċertifikati mill-Kunsillier A. Curmi.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm u sar aġġornament għall-Ħamis 10 ta' Jannar 2013 fejn se jiġi diskuss u approvat il-Budget għas-sena 2013.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT** — **Sindku**